

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Frar 2020 – Società agricola Vivai Maiorana et vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-116/20)**

(2020/C 129/24)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan***Partijiet**

Rikorrenti: Società agricola Vivai Maiorana Ss (Curinga, l-Italja), Confederazione Italiana Agricoltori – CIA (Ruma, l-Italja), MIVA – Moltiplicatori Italiani Viticoli Associati (Faenza, l-Italja) (rappreżentanti: E. Scocchini u G. Scocchini, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 għall-parti segwenti: Anness IV – Partijiet A (żrieragħ tal-pjanti tal-għalf), B (żrieragħ taċ-ċereali), C (dwieli), F (żrieragħ tal-ħxejjex), I (ħxejjex) u J (pjanti tal-frott).
- tiddikjara l-invalidità tar-Regolament (UE) 2016/2031 għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 36, l-Anness I, Taqsima 4, Punt 3 u l-Artikolu 37(2).

Motivi u argumenti prinċipali

Dan ir-rikors ġie ppreżentat kontra r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 għall-parti segwenti: Anness IV – Partijiet A (żrieragħ tal-pjanti tal-għalf), B (żrieragħ taċ-ċereali), C (dwieli), F (żrieragħ tal-ħxejjex), I (ħxejjex) u J (pjanti tal-frott).

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinwokaw erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 36(e) u (f) tar-Regolament (UE) 2016/2031, il-prinċipju ta' proporzjonalità u l-eżistenza f'dan il-każ ta' nuqqas ta' motivazzjoni.
 - Ir-rikorrenti jsostnu li l-limitu ta' preżenza ta' pesti tal-pjanti rregolati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni (PRMK) fuq il-pjanti għat-tħawwil indiġeni ugwali għal 0%, stabbilit mill-Kummissjoni fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/2072, ġie ffixxat mingħajr ma ġie vverifikat, kif jitlob l-Artikolu 36(e) u (f) tar-Regolament (UE) 2016/2031, jekk il-preżenza ta' PRMK fuq il-pjanti għat-tħawwil għandhiex effett ekonomiku mhux aċċettabbli u jekk jeżistux miżuri fattibbli u effikaċji sabiex tiġi evitata l-preżenza tagħhom.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tat-Trattat Internazzjonali FAO dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agricoltura.
 - Ir-rikorrenti jsostnu f'dan ir-rigward li l-introduzzjoni ta' limitu zero għall-PRMK preżenti fuq ir-riżorsi tal-pjanti indiġeni tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 9 tat-Trattat Internazzjonali FAO dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agricoltura ffirmat mill-Unjoni Ewropea u mill-varji Stati tal-Unjoni.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU 2018, L 150, p. 1, rettifiċi fil-ĠU 2018, L 260, p. 25, fil-ĠU 2018, L 262, p. 90, fil-ĠU 2018, L 270, p. 37, u fil-ĠU 2019, L 305, p. 59).
 - Ir-rikorrenti jsostnu f'dan ir-rigward li l-proċess ta' selezzjoni u ta' standardizzazzjoni tal-varjetajiet tal-pjanti li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' limiti għall-PRMK jkser espressament id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/848.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-inkompatibbiltà mal-politika agrikola tal-Unjoni Ewropea.

- Ir-rikorreni jsostnu f'dan ir-rigward li l-introduzzjoni ta' limiti għall-PRMK imur kontra l-politika agrikola tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari:
 - id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102);
 - ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU 2012, L 343, p. 1, rettifika fil-ĠU 2013, L 55, p. 27, fil-ĠU 2015, L 191, p. 10, u fil-ĠU 2019, L 216, p. 40);
 - ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU 2013, L 347, p. 487, rettifika fil-ĠU 2016, L 130, p. 1);
 - l-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 807/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (ĠU 2014, L 227, p. 1).

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Frar 2020 – El Corte Inglés vs EUIPO – MKR Design (Panthé)

(Kawża T-117/20)

(2020/C 129/25)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: El Corte Inglés, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentant: J. Rivas Zurdo, lawyer)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: MKR Design Srl (Milan, l-Italja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni figurattiva Panthé – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 366 461

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-5 ta' Diċembru 2019 fil-Każ R 378/2019-5

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-parti jew partijiet li jopponu dan ir-rikors għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
-